

I

(Atti leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT (UE) Nru 1255/2011 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-30 ta' Novembru 2011

li jistabbilixxi Programm biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ulterjuri ta' Politika Marittima Integrata

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

teħid tad-deċiżjonijiet fir-rigward tal-oċeani, l-ibħra, ir-reġjuni kostali, insulari u l-aktar imbiegħda, u fis-setturi marittimi.

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 91(1) l-Artikolu 100(2), l-Artikolu 173(3), l-Artikoli 175 u 188, l-Artikolu 192(1), l-Artikolu 194(2) u l-Artikolu 195(2) tiegħu,

- (2) Il-Pjan ta' Azzjoni li jakkumpanja l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni jistabbilixxi numru ta' azzjonijiet li l-Kummissjoni tipproponi li tiegħu bħala l-ewwel pass fl-implimentazzjoni ta' IMP ġdida għall-Unjoni.

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

- (3) Ir-Rapport ta' Progress tal-Kummissjoni dwar il-Politika Marittima Integrata tal-UE tal-15 ta' Ottubru 2009 jiġbor il-kisbiet ewlenin tal-IMP sa dik id-data, u jwitti t-triq għall-fażi ta' implimentazzjoni tagħha li jmiss.

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

- (4) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-16 ta' Novembru 2009 dwar il-Politika Marittima Integrata, il-Kunsill għamel enfasi fuq l-importanza tal-finanzjament għall-iżvilupp ulterjuri u l-implimentazzjoni tal-IMP billi stieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-proposti meħtieġa għall-finanzjament ta' azzjonijiet tal-politika marittima integrata fi ħdan il-Perspettiva Finanzjarja eżistenti, bil-ħsieb li jiddaħħlu fis-seħħ sal-2011.

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽²⁾,Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽³⁾,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lil Parlament Ewropew, lil Kunsill, lil Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lil Kumitat tar-Reġjuni tal-10 ta' Ottubru 2007 dwar Politika Marittima Integrata għall-Unjoni Ewropea ("Komunikazzjoni tal-Kummissjoni"), l-għan primarju tal-Politika Marittima Integrata tal-Unjoni ("IMP") huwa li tiżviluppa u timplimenta politika integrata, koordinata, koerenti, trasparenti u sostenibbli ta'

- (5) Fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-Politika Marittima Integrata (IMP) - Valutazzjoni tal-progress li sar u sfidi ġodda, il-Parlament Ewropew appoġġja b'mod espliċitu l-intenzjoni ddikjarata tal-Kummissjoni "li tiffinanzja l-IMP b'EUR 50 miljun matul is-sentejn li ġejjin sabiex tibni fuq proġetti preċedenti fl-oqsma tal-politika, il-governanza, is-sostenibbiltà u s-sorveljanza".

- (6) Il-pakkett finanzjarju għall-IMP stipulat f'dan ir-Regolament jieħu kont kemm tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku attwali kif ukoll tal-fatt li dan hu l-ewwel programm operattiv iddedikat speċifikament għall-implimentazzjoni tal-IMP.

⁽¹⁾ ĠU C 107, 6.4.2011, p. 64.

⁽²⁾ ĠU C 104, 2.4.2011, p. 47.

⁽³⁾ Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Novembru 2011 (għadha mhix ippubblikata fil-ĠU) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2011.

- (7) Hemm bżonn finanzjament tal-Unjoni kontinwu sabiex l-Unjoni tkun tista' timplimenta u tkompli tiżviluppa l-IMP skont ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Mejju 2008 dwar politika marittima integrata għall-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾ u ssegwi l-għanijiet prijoritarji kif stabbiliti fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, u kif ikkonfermat fir-Rapport tal-Progress ta' Ottubru 2009 u approvati mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu tas-16 ta' Novembru 2009.
- (8) Billi mhux il-prijoritajiet u l-miri kollha tal-IMP huma koperti minn strumenti eżistenti tal-Unjoni, bħall-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Ewropew għas-Sajd, is-Seba' Programm ta' Qafas għar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-attivitajiet ta' dimostrazzjoni, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u l-Istrument Ewropew għall-Viċinat u s-Sħubija, huwa għalhekk meħtieġ li jiġi stabbilit Programm li jappoġġja l-iżvilupp ulterjuri tal-IMP ("il-Programm").
- (9) Mingħajr preġudizzju għan-negozjati li ġejjin dwar il-qafas finanzjarju multiannwali ta' wara l-2013, ser tkun meħtieġa d-disponibbiltà ta' biżżejjed riżorsi biex ikun żgurat li l-għanijiet tal-IMP ikunu jistgħu jiġu żviluppati u jinkisbu, mingħajr ma jiddgħajfu r-riżorsi allokat i għal linji politiċi oħrajn, filwaqt li tingħata spinta lill-iżvilupp sostenibbli tar-reġjuni marittimi tal-Unjoni, inklużi l-gżejjer, u r-reġjuni l-aktar imbiegħda. Għal dan il-għan huwa kkunsidrat essenzjali li l-IMP tkun inkluża fil-qafas finanzjarji multiannwali ta' wara l-2013. Barra minn hekk, jekk ikun meħtieġ, għandha titfassal proposta għall-estensjoni tal-Programm lil hinn mill-2013, flimkien ma' proposta li tistabbilixxi pakkett finanzjarju adatt.
- (10) L-iżvilupp tal-affarijiet marittimi permezz ta' appoġġ finanzjarju għall-miżuri tal-IMP se jkollu impatt sinifikattiv f'termini tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.
- (11) Il-finanzjament tal-Unjoni għandu jifassal biex jappoġġja l-ħidma esploratorja fuq azzjonijiet li għandhom l-għan li jipromwov u l-għanijiet strateġiċi tal-IMP, bl-attenzjoni dovuta għall-impatti kumulattivi tagħhom, fuq il-bażi tal-approċċ tal-ekosistema, għat-tkabbir ekonomiku sostenibbli "ikħal", l-impjiegi, l-innovazzjoni u l-kompetittività fir-reġjuni kostali, r-reġjuni insulari u l-aktar imbiegħda, u għall-promozzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-IMP.
- (12) L-għanijiet strateġiċi tal-IMP jinkludu governanza marittima integrata fil-livelli kollha; l-iżvilupp ulterjuri u l-implimentazzjoni ta' strateġiji integrati għall-baċini tal-baħar imfassla għall-bżonnijiet speċifiċi tal-baċini tal-baħar differenti fl-Ewropa; l-iżvilupp ulterjuri ta' strumenti trasversali għat-tfassil ta' politika integrata bl-għan li jittejjbu s-sinerġiji u l-koordinazzjoni bejn linji politiċi u strumenti eżistenti, inkluż permezz ta' data marbuta mal-baħar u l-qsim tal-għarfien; l-involvement iktar mill-qrib tal-partijiet interessati fi skemi integrati ta' governanza marittima; il-protezzjoni u l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar u tal-kosta; u d-definizzjoni tal-limiti tas-sostenibbiltà tal-attivitajiet tal-bniedem u l-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u tal-kosta u l-bijodiversità fil-qafas tad-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija Marittima ⁽²⁾, li hija l-pilastru ambjentali tal-IMP, kif ukoll id-Direttiva ta' Qafas dwar l-Ilma ⁽³⁾.
- (13) Huwa importanti għall-Programm li jorbot mal-linji politiċi l-oħra tal-Unjoni li jistgħu jinkludu dimensjoni marittima, b'mod partikolari l-fondi strutturali, in-netwerk trans-Ewropew tat-trasport, il-politika komuni tas-sajd, it-turiżmu, l-ambjent u t-tibdil fil-klima, il-programm qafas dwar ir-riċerka u l-iżvilupp u l-politika tal-enerġija.
- (14) Biex tkun assigurata l-koerenza bejn l-aspetti differenti tal-Programm, għandhom jiġu stabbiliti l-għanijiet ġenerali tiegħu. Għal kull għan ġenerali, għandhom jiġu stabbiliti għanijiet operattivi aktar fid-dettall. It-tqassim tal-fondi fost l-għanijiet ġenerali, għall-perijodu 2011-2013, hu indikat fl-Anness. Dan it-tqassim jipprovdi flessibbiltà għal żieda/tnaqqis fl-allokazzjoni finanzjarja ġenerali għal kull għan mingħajr ma jinqabeż il-pakkett finanzjarju globali.
- (15) Il-finanzjament mill-Unjoni għandu jgħin l-appoġġ għall-iżvilupp tal-integrazzjoni tas-sorveljanza marittima f'konformità mar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' Ottubru 2010 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2009 dwar Sorveljanza Marittima Integrata, b'kont meħud tal-pjan direzzjonali lejn l-istabbiliment ta' Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Infommazzjoni għall-qasam marittimu tal-UE (CISE). Għalhekk dan il-finanzjament dedikat għandu jkun limitat għall-iżvilupp ta' sistema ta' skambju ta' infommazzjoni ddeċentralizzata, jiġifieri miżuri li jinkludu softwer, sabiex tittejjeb l-interfaċċ bejn is-sistemi ta' sorveljanza. Il-Programm għandu jieħu kont tar-riżultati minn proġetti oħra rigward is-sistema ta' sorveljanza marittima ddeċentralizzata.
- (16) L-implimentazzjoni tal-Programm fil-pajjiżi terzi għandha tikkontribwixxi għall-għanijiet ta' żvilupp tal-pajjiżi benefiċjarju u tkun konsistenti ma' strumenti oħrajn ta' kooperazzjoni tal-Unjoni, inklużi l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-linji politiċi rilevanti tal-Unjoni u l-acquis tal-Unjoni u l-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti.

⁽¹⁾ ĠU C 279 E, 19.11.2009, p. 30.

⁽²⁾ Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ambjent marin (id-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

⁽³⁾ Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

- (17) Il-Programm għandu jkun komplementari ma' u koerenti mal-istrumenti finanzjarji eżistenti u futuri li tqiegħdu għad-dispożizzjoni mill-Unjoni u mill-Istati Membri, fuq livell nazzjonali u subnazzjonali, għall-promozzjoni tal-protezzjoni u l-użu sostenibbli tal-oċeani, l-ibħra u l-kosti, u jikkontribwixxi għat-trawwim tal-kooperazzjoni aktar effikaċi bejn l-Istati Membri u r-reġjuni kostali, insulari u l-aktar imbiegħda tagħhom, u jqis il-prijorizzazzjoni u l-progress tal-proġetti nazzjonali u lokali.
- (18) L-azzjonijiet previsti fil-Programm għandhom ikunu komplementari mal-azzjonijiet oħra tal-Unjoni, sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni koerenti tal-atti legali tal-Unjoni li jikkonċernaw il-linji politiċi settorjali rilevanti, waqt li tiġi evitata d-duplikazzjoni.
- (19) Jeħtieġ ukoll li jiġu stabbiliti regoli li jiggvernaw l-ipprogramar tal-miżuri, l-eleġibbiltà tal-infiq, il-livell tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni, il-kundizzjonijiet ewlenin li fuqhom għandu jkun disponibbli u l-baġit globali tal-Programm.
- (20) Il-Programm għandu jiġi implimentat skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽¹⁾, ("ir-Regolament Finanzjarju") u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾.
- (21) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-pakkett finanzjarju tal-programm multiannwali, li jikkostitwixxi r-referenza ewlenija għall-awtorità baġitarja matul il-proċedura annwali baġitarja, skont it-tifsira tal-punt 37 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ⁽³⁾.
- (22) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' timmonitorja l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandu jkun possibbli li jiġi ffinanzjat l-infiq relatat mal-monitoraġġ, il-verifiki u l-evalwazzjoni.
- (23) Il-programmi ta' ħidma annwali li jridu jiġu stabbiliti għall-implimentazzjoni tal-Programm għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jipprovdi r-regoli u l-prinċipji ġenerali rigward il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ⁽⁴⁾.
- (24) Fir-rigward tal-azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, jeħtieġ li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tiproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolarijiet oħra ⁽⁶⁾, u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) ⁽⁷⁾.
- (25) Sabiex tiġi żgurata l-effikaċja tal-finanzjament tal-Unjoni, l-azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament għandhom jiġu evalwati b'mod regolari.
- (26) Huwa mifhum li l-ebda waħda mill-azzjonijiet maħsuba fil-kuntest tal-Programm ma tkun teħtieġ rikors għal bażi legali addizzjonali.
- (27) Ladarba l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħidhom, u għaldaqstant jistgħu, minħabba l-qies jew l-effetti tal-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati taħt il-Programm, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawk l-għanijiet,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi Programm li jappoġġja l-miżuri maħsuba biex ikomplu jippromwovu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-Politika Marittima Integrata tal-Unjoni ("il-Programm").

Il-Politika Marittima Integrata tal-Unjoni ("IMP") għandha trawwem teħid ta' deċizzjonijiet koordinati u koerenti biex iżżid kemm jista' jkun l-iżvilupp sostenibbli, it-kabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali tal-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tar-reġjuni kostali, insulari u l-aktar imbiegħda fl-Unjoni, kif ukoll is-setturi marittimi, permezz ta' linji politiċi koerenti relatati mas-settur marittimu u kooperazzjoni internazzjonali rilevanti.

Il-Programm għandu jappoġġja l-użu sostenibbli tal-ibħra u l-oċeani, u t-kabbir tal-għarfien xjentifiku.

⁽¹⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

⁽⁵⁾ ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

⁽⁷⁾ ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

Artikolu 2

Għanijiet ġenerali

Il-Programm għandu jkollu l-għanijiet ġenerali li ġejjin:

- (a) li jrawwem l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-governanza integrata tal-affarijiet marittimi u kostali;
- (b) li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' għodod transettorjali, jiġifieri l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu, l-Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Infommazzjoni (CISE) u l-għarfien marittimu dwar l-oċeani, l-ibħra u r-reġjuni kostali fi ħdan u li jikkonfinaw mal-Unjoni, sabiex jiżviluppa sinerġiji u jappoġġja l-linji politiċi dwar il-baħar jew relatati mal-kosta, b'mod partikolari fl-oqsma tal-iżvilupp ekonomiku, l-impjiegi, il-protezzjoni ambjentali, ir-riċerka, is-sikurezza marittima, l-enerġija, u l-iżvilupp ta' teknoloġiji marittimi ekoloġiċi, filwaqt li jqis u jibbaża fuq għodod u inizzjattivi eżistenti;
- (c) li jippromwovi l-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, b'mod partikolari l-bijodiversità tiegħu, u l-użu sostenibbli tar-riżorsi kostali u tal-baħar u jkompli jiddefinixxi l-limiti tas-sostenibbiltà tal-attivitàjiet tal-bniedem li jħallu impatt fuq l-ambjent tal-baħar, b'mod partikolari fil-qafas tad-Direttiva 2008/56/KE (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina);
- (d) li jappoġġja l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-baċini tal-baħar;
- (e) li jtejjeb u jżid il-kooperazzjoni esterna u l-koordinazzjoni fir-rigward tal-għanijiet tal-IMP, fuq il-bażi tal-promozzjoni tad-dibattiti fil-fora internazzjonali; f'dan ir-rigward, pajjiżi terzi għandhom ikunu mħeġġa jirratifikaw u jimplimentaw il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS);
- (f) li jappoġġja tkabbir ekonomiku sostenibbli, l-impjiegi, l-innovazzjoni u teknoloġiji ġodda fis-setturi marittimi u fir-reġjuni kostali, insulari u l-aktar imbiegħda fl-Unjoni.

Artikolu 3

Objettivi operattivi

1. Skont l-għan stabbilit fl-Artikolu 2(a) (governanza marittima integrata), il-Programm għandu:

- (a) jippromwovi azzjonijiet biex iħeġġeġ lill-Istati Membri u r-reġjuni tal-UE jiżviluppaw, jintroduċu jew jimplimentaw governanza marittima integrata;
- (b) jippromwovi l-pjattaformi u n-netwerks tal-kooperazzjoni transettorjali, inklużi r-rappreżentanti tal-awtoritajiet pubbliċi, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-industrija, partijiet interessati fil-qasam tar-riċerka, ċittadini, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali;

(c) isaħħaħ il-viżibbiltà ta', u jżid is-sensibilizzazzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi, is-settur privat u l-pubbliku ġenerali, għal approċċ integrat għall-kwistjonijiet marittimi.

2. Fl-ambitu tal-għan stabbilit fl-Artikolu 2(b) (għodod transettorjali) il-Programm għandu jrawwem l-iżvilupp ta':

- (a) l-Ambjent Komuni għall-Qsim tal-Infommazzjoni għall-qasam marittimu tal-Unjoni li jippromwovi sorveljanza tal-iskambju tal-infommazzjoni transettorjali u transkonfinali li jikkollega flimkien il-komunitajiet kollha tal-utenti, f'konformità mal-Prinċipji tas-Sorveljanza Marittima Integrata sabiex tissaħħaħ is-sikurezza, s-sigurtà u l-użu sostenibbli tal-ispazju marittimu, b'kont meħud tal-iżviluppi rilevanti tal-linji politiċi settorjali fir-rigward tas-sorveljanza u li jikkontribwixxi, kif xieraq, għall-evoluzzjoni meħtieġa tagħhom;
 - (b) l-ippjanar tal-ispazju marittimu u l-ġestjoni integrata taż-żona kostali, it-tnejn għodod importanti għall-iżvilupp sostenibbli taż-żoni tal-baħar u r-reġjuni kostali u t-tnejn jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-ġestjoni bbażata fuq l-ekosistema u l-iżvilupp ta' kollegamenti bejn l-art u l-baħar, kif ukoll il-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni tal-Istati Membri, pereżempju fir-rigward tal-iżvilupp ta' miżuri sperimentali u miżuri oħra li jikkombinaw il-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnoabbli u t-trobbija tal-ħut;
 - (c) data marittima ta' kwalità għolja, komprensiva u aċċessibbli għall-pubbliku u bażi ta' għarfien li jiffaċilita l-qsim, l-użu mill-ġdid u t-tixrid ta' dawn id-data u għarfien fost diversi gruppi ta' utenti li jużaw data attwali, biex b'hekk tiġi evitata d-duplikazzjoni tad-databases; għal dan il-għan, għandu jsir l-aħjar użu mill-programmi eżistenti tal-Unjoni u tal-Istati Membri, inkluż INSPIRE ⁽¹⁾ u GMES ⁽²⁾.
3. Fl-ambitu tal-għan stabbilit fl-Artikolu 2(c) (protezzjoni tal-ambjent tal-baħar) il-Programm għandu:

- (a) jappoġġja l-protezzjoni u l-preservazzjoni tal-ambjent tal-baħar u kostali, kif ukoll jipprevjeni u jnaqqas l-inputs ta' materjal fl-ambjent tal-baħar, inkluż skart tal-baħar, bil-ħsieb li t-tniġġis jiġi eliminat gradwalment
- (b) jikkontribwixxi għas-saħħa, id-diversità bijoloġika u għall-aġġustar tal-ekosistemi kostali u tal-baħar;

⁽¹⁾ Infrastruttura għall-Infommazzjoni Spazjali fl-Ewropa. Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Infommazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

⁽²⁾ Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà - Regolament (UE) Nru 911/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-dinja (GMES) u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu (2011-2013) (ĠU L 276, 20.10.2010, p.1).

- (c) jiffaċilita l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u atturi oħrajn fl-implimentazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tal-attivitajiet tal-bniedem u l-prinċipju tal-prekawżjoni;
- (d) jiffaċilita l-iżvilupp ta' metodi u standards;
- (e) jippromwovi azzjonijiet għall-mitigazzjoni tal-effetti tat-tibdil fil-klima fuq l-ambjent tal-baħar, tal-kosta u dak insulari, u l-adattament għalih, b'enfasi partikolari fuq daww l-oqsma li huma l-aktar vulnerabbli f'dak ir-rigward;
- (f) jappoġġja l-iżvilupp ta' approċċi strateġiċi għar-riċerka sabiex jiġi vvalutat l-istat attwali tal-ekosistemi, u b'hekk tiġi pprovduta bażi għal ġestjoni u ppjanar ibbażati fuq l-ekosistema fl-ivell reġjonali u nazzjonali.

4. Fl-ambitu tal-għan stabbilit fl-Artikolu 2(d) (strateġiji tal-baċini tal-baħar), il-Programm għandu:

- (a) jappoġġja l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji integrati tal-baċini tal-baħar, b'kont meħud ta' approċċ bilanċjat fil-baċini tal-baħar kollha kif ukoll l-ispeċifikitajiet tal-baċini tal-baħar u tas-sottobaċini tal-baħar, u tal-istrateġiji makro-reġjonali rilevanti fejn ikun japplika, u speċjalment daww fejn diġà huwa stabbilit skambju ta' informazzjoni u ta' esperjenzi bejn diversi pajjiżi u jeżistu strutturi multinazzjonali operattivi;
- (b) jippromwovi u jiffaċilita l-isfruttar tas-sinerġiji bejn il-livelli nazzjonali, reġjonali u tal-Unjoni, il-qsim tal-informazzjoni, inkluż dwar metodi u standards, u l-iskambju tal-aħjar prattika dwar il-politika marittima, inkluż il-governanza u l-linji politiċi settorjali tagħha li għandhom impatt fuq l-ibħra reġjonali u r-reġjuni kostali.

5. Fl-ambitu tal-għan stabbilit fl-Artikolu 2(e) (dimensjoni internazzjonali), il-Programm għandu:

- (a) iħeġġeġ it-tkomplija tal-ħidma f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri fir-rigward ta' approċċ integrat ma' pajjiżi terzi u atturi f'pajjiżi terzi li jikkondividu baċin tal-baħar ma' Stati Membri tal-Unjoni, inkluż dwar ir-ratiffa u l-implimentazzjoni tal-UNCLOS;
- (b) jinkoraġġixxi djalogu ma' pajjiżi terzi, b'kont meħud tal-UNCLOS u l-konvenzjonijiet internazzjonali eżistenti rilevanti bbażati fuq l-UNCLOS;
- (c) jinkoraġġixxi l-iskambju tal-aħjar prattika biex jiġu ikkomplementati l-inizjattivi eżistenti, b'kont meħud tal-iżvilupp tal-istrateġiji reġjonali fil-livell sottoreġjonali.

Dan l-għan operattiv għandu jiġi segwit f'koerenza mal-istrumenti ta' kooperazzjoni tal-Unjoni, b'kont meħud tal-għanijiet tal-istrateġiji ta' żvilupp nazzjonali u reġjonali.

6. Skont l-għan stabbilit fl-Artikolu 2(f) (tkabbir, impjegi, innovazzjoni), il-Programm għandu:

- (a) jippromwovi inizjattivi għat-tkabbir u l-impjegi fis-setturi marittimi u fir-reġjuni kostali u insulari;
- (b) jippromwovi t-taħriġ, l-edukazzjoni u l-opportunitajiet ta' karriera fi professjonijiet marittimi;
- (c) jippromwovi l-iżvilupp ta' teknoloġiji ekoloġiċi, għejn ta' enerġija rinnovabbli mill-baħar, trasport marittimu ekoloġiku u trasport marittimu fuq distanzi qosra;
- (d) jippromwovi l-iżvilupp tat-turiżmu kostali, marittimu u fil-gżejjer.

Artikolu 4

Azzjonijiet eliġibbli

Il-Programm jista' jipprovdi assistenza finanzjarja għat-tipi ta' azzjoni li ġejjin, f'konformità mal-għanijiet stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3:

- (a) proġetti, inklużi proġetti ta' prova; studji; riċerka u programmi kooperattivi operattivi, inklużi programmi ta' edukazzjoni, ta' taħriġ professjonali u taħriġ mill-ġdid;
- (b) informazzjoni pubblika u l-qsim tal-aħjar prattika, tqajjim ta' kuxjenza u attivitajiet assoċjati ta' komunikazzjoni u disseminazzjoni, inklużi kampanji ta' pubbliċità, u avvenimenti, u l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' siti web u ta' networks soċjali u databases rilevanti;
- (c) konferenzi, seminars, workshops, u fora tal-partijiet interessati;
- (d) akkomunament, monitoraġġ u viżwalizzazzjoni ta', u żgurar tal-aċċess pubbliku għal, ammont sinifikanti ta' data, l-aħjar prattika u databases fuq proġetti reġjonali ffinanzjati mill-Unjoni, inkluż, fejn xieraq, permezz ta' segretarjat imwaqqaf għal wieħed jew aktar minn dawn ir-raġunijiet, li jiffaċilita l-adozzjoni ta' standards uniformi komuni għall-ġbir u l-ipproċessar tad-data;
- (e) azzjonijiet relatati ma' għodod trasversali, inklużi proġetti ta' prova.

Artikolu 5

Tip ta' intervent finanzjarju

1. L-assistenza finanzjarja tal-Unjoni tista' tieħu l-forom legali li ġejjin:

- (a) għotjiet, fejn l-ogħla rata ta' kofinanzjament mill-Unjoni għal kull azzjoni għandha tkun ta' 80 %;

(b) kuntratti ta' akkwist pubbliku;

(c) arranġamenti amministrattivi ma' Ċentru Konġunt tar-Riċerka.

2. Kemm l-għotjiet għall-azzjonijiet kif ukoll l-għotjiet operattivi jistgħu jingħataw taħt il-Programm. Għajr jekk jiġi pprovdut mod ieħor fir-Regolament Finanzjarju, il-benefiċjarji tal-għotjiet jew tal-kuntratti tal-akkwist pubbliku għandhom jintgħażlu wara sejħa għall-proposti jew sejħa għall-offerti.

Artikolu 6

Benefiċjarji

1. L-assistenza finanzjarja taħt il-Programm tista' tingħata, bħala prijorità, lil persuni naturali jew ġuridiċi, kemm jekk irregolata minn liġi privata jew pubblika tal-Istati Membri jew tal-Unjoni.

2. Mill-Programm jistgħu jibbenefikaw ukoll pajjiżi terzi u partijiet interessati f'pajjiżi terzi li jikkondividu baċin tal-baħar ma' Stati Membri tal-Unjoni, kif ukoll organizzazzjonijiet jew korpi internazzjonali li jsegwu wieħed jew aktar mill-għanijiet ġenerali u operattivi stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3. Il-miżuri dejjem iridu jinvolvu parteċipanti mill-Unjoni.

3. L-eliġibbiltà għall-parteeipazzjoni fi proċedura għandha tkun speċifikata fis-sejħa għall-proposti jew is-sejħa għall-offerti rilevanti.

Artikolu 7

Prinċipji għall-implimentazzjoni

1. L-azzjonijiet iffinanzjati taħt il-Programm m'għandhomx ikunu eliġibbli li jirċievu assistenza minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni. Għandhom jiġu mfittxija sinerġiji u komplemtarjetà ma' strumenti oħra tal-Unjoni. L-azzjonijiet taħt il-Programm għandhom ikunu komplimentari għall-implimentazzjoni tal-politika settorjali rilevanti.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-applikanti għall-assistenza finanzjarja taħt il-Programm u l-benefiċjarji ta' tali assistenza jipprovdulha informazzjoni komprensiva dwar l-iffinanzjar tal-azzjonijiet. L-għajnuna finanzjarja mill-Programm għandha tiġi pprovduta biss sakemm ma jkunx hemm disponibbli finanzjament ieħor mill-Unjoni.

3. L-azzjonijiet appoġġjati mill-Programm għandhom jikkorrispondu mal-miri u l-politika tal-Unjoni għall-2020 u l-2050. L-Istati Membri, is-setturi marittimi u r-reġjuni kostali, insulari u l-aktar imbiegħda kollha għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-Programm u għandu jinħoloq valur miżjud Ewropew ġenwin. Fir-rigward tal-finanzjament ta' azzjonijiet fil-baċini tal-baħar differenti, għandu jitfittex bilanċ reġjonali adegwat.

4. L-azzjonijiet appoġġjati mill-Programm għandhom jistimulaw u jsaħħu d-djalogu, l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni

ma' u fost l-Istati Membri, ir-reġjuni tal-UE, il-partijiet interessati, iċ-ċittadini, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-imsieħba soċjali, waqt li tkun garantita trasparenza sħiħa.

5. L-azzjonijiet appoġġjati mill-Programm għandhom jiffaċilitaw l-isfruttament tas-sinerġiji, il-qsim tal-informazzjoni u l-iskambju tal-metodi, l-istandards u l-aħjar Prattika.

6. Il-prinċipji ta' governanza tajba u t-trasparenza tal-proċessi ta' deċiżjoni għandhom japplikaw għall-implimentazzjoni tal-Programm, u l-Programm għandu jkollu l-għan li jikkontribwixxi għat-trasparenza u l-governanza tajba fil-linji politiċi settorjali kollha relatati fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali u reġjonali.

Artikolu 8

Proċeduri ta' implimentazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha timplimenta l-Programm skont ir-Regolament Finanzjarju.

2. Sabiex timplimenta l-Programm f'konformità mal-għanijiet tiegħu stabbiliti fl-Artikoli 2 u 3, il-Kummissjoni għandha tadotta l-programmi ta' ħidma annwali f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 14(2).

Artikolu 9

Riżorsi baġitarji

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għandu jkun stabbilit għal EUR 40 000 000 għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sal-31 ta' Diċembru 2013.

2. Ir-riżorsi baġitarji allokat li għall-Programm għandhom jiddaħħlu fl-appropriazzjonijiet annwali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni. L-appropriazzjonijiet annwali għandhom ikunu awtorizzati mill-awtorità baġitarja fil-limiti tal-qafas finanzjarju.

3. It-tqasim tal-fondi fost l-għanijiet ġenerali, stipulati fl-Artikolu 2, hu indikat fl-Anness.

Artikolu 10

Assistenza teknika

1. Sa 1 % tal-pakkett finanzjarju stabbilit taħt l-Artikolu 9 jista' wkoll ikopri nfiq meħtieġ relatat ma' kwalunkwe azzjoni preparatorja, monitoraġġ, kontroll, verifika jew evalwazzjoni meħtieġa direttament sabiex jiġu implimentati azzjonijiet eliġibbli b'mod effettiv u effiċjenti taħt dan ir-Regolament u sabiex jintlaħqu l-għanijiet tiegħu.

2. L-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jinkludu, b'mod partikolari, studji, laqgħat ta' esperti, infiq fuq għodda tal-informatika, sistemi u netwerks u kwalunkwe assistenza u kompetenza teknika, xjentifika u amministrattiva oħra mitluba mill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 11**Monitoraġġ**

1. Kull benefiċjarju tal-assistenza finanzjarja għandu jippreżenta lill-Kummissjoni rapporti tekniċi u finanzjarji dwar il-progress tal-ħidma ffinanzjata taħt il-Programm. Barra minn hekk, għandu jiġi ppreżentat rapport finali fi żmien tliet xhur mit-tlestija ta' kull proġett.

2. Mingħajr preġudizzju għall-verifiki mwettqa mill-Qorti tal-Awdituri flimkien mal-korpi jew dipartimenti ta' verifika nazzjonali kompetenti skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"), jew kwalunkwe spezzjoni mwettqa skont l-Artikolu 322(1)(b) tat-TFUE, l-uffiċjali u persunal ieħor tal-Kummissjoni għandhom iwettqu verifiki fuq il-post, inklużi verifiki kampjuni fuq proġetti u miżuri oħrajn iffinanzjati taħt il-Programm, sabiex jiċċekkjaw b'mod partikolari il-konformità mal-għanijiet tal-Programm u l-eliġibiltà tal-azzjonijiet, kif stabbiliti fl-Artikoli 2, 3 u 4 ta' dan ir-Regolament.

3. Il-kuntratti u l-ftehimiet li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jipprovdu, b'mod partikolari, għas-superviżjoni u l-kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni, jew minn kwalunkwe rappreżentant li tista' tawtorizza l-Kummissjoni, u għall-verifiki mill-Qorti tal-Awdituri, jekk ikunu meħtieġa, fuq il-post.

4. Kull benefiċjarju tal-assistenza finanzjarja għandu jżomm disponibbli għall-Kummissjoni d-dokumenti kollha ta' sostenn rigward l-infiq fuq proġett għal perijodu ta' ħames snin wara l-aħħar ħlas fir-rigward ta' dak il-proġett.

5. Abbażi tar-riżultati tar-rapporti u l-verifiki kampjuni msemmija fil-paragrafi 1 u 2, il-Kummissjoni għandha, jekk ikun meħtieġ, taġġusta l-iskala jew il-kundizzjonijiet tal-allokkazzjoni tal-assistenza finanzjarja approvata oriġinarjament kif ukoll l-iskeda ta' żmien għall-ħlasijiet.

6. Il-Kummissjoni għandha tivverifika li l-azzjonijiet iffinanzjati taħt il-Programm jitwettqu kif suppost, ikunu konsistenti mal-miżuri stabbiliti fl-inizjattivi politiċi u strumenti settorjali oħra u huma konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u r-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 12**Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, meta jiġu implimentati l-azzjonijiet iffinanzjati taħt il-Programm, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu protetti permezz ta':

(a) l-applikazzjoni tal-miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra,

(b) verifiki effettivi,

(c) l-irkupru tal-ammonti li għadhom ma tħallsux, u

(d) l-applikazzjoni ta' pieni effettivi, proporzjonali u dissuażivi, jekk jinstabu xi irregolaritajiet.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha taġixxi skont ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95, ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96 u r-Regolament (KE) Nru 1073/1999.

3. Il-Kummissjoni għandha tnaqqas, tissospendi jew tirkupra l-ammont ta' assistenza finanzjarja mogħtija għal azzjoni jekk hija ssib irregolaritajiet, inkluż nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament jew id-deċizzjoni individwali jew il-kuntratt jew ftehim tal-għoti tal-assistenza finanzjarja, jew jekk ikun jidher li, mingħajr ma tkun tfittxet l-approvazzjoni tal-Kummissjoni, l-azzjoni kienet soġġetta għal bidla li tmur kontra n-natura jew il-kundizzjonijiet implimentattivi tagħha.

4. Jekk il-limiti taż-żmien ma jkunux ġew osservati jew jekk parti biss mill-assistenza finanzjarja allokata tiġi ġustifikata mill-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' azzjoni, il-Kummissjoni għandha titlob lill-benefiċjarju biex jissottometti l-osservazzjonijiet matul perijodu ta' żmien speċifikat. Jekk il-benefiċjarju jonqos milli jagħti tweġiba sodisfaċenti, il-Kummissjoni tista' tikkanċella l-assistenza finanzjarja li jifdal u titlob li jitħallsu lura s-somom diġà mħallsin.

5. Kwalunkwe ħlas mhux dovut għandu jitħallas lura lill-Kummissjoni. L-imgħax għandu jiżdied ma' kwalunkwe somma li ma titħallasx lura fil-ħin skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mir-Regolament Finanzjarju.

6. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "irregolarità" għandha tfisser kwalunkwe ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi tal-Unjoni, jew kwalunkwe ksur ta' obbligu kuntrattwali li jirriżulta minn att jew ommissjoni minn operatur ekonomiku li għandu, jew ser ikollu, l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali tal-Unjoni jew il-baġits ġestiti mill-Unjoni permezz ta' partita ta' infiq mhux ġustifikata.

Artikolu 13**Rappurtar, evalwazzjoni u estensjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'mod regolari u fil-pront dwar il-ħidma tagħha.

2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill:

(a) rapport ta' progress sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012; ir-rapport ta' progress għandu jinkludi evalwazzjoni tal-impatt tal-Programm fuq linji politiċi oħra tal-Unjoni;

(b) rapport ta' evalwazzjoni ex-post sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014.

3. Jekk ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tressaq proposta leġiżlattiva dwar l-estensjoni tal-Programm lil hinn mill-2013 b'pakkett finanzjarju xieraq.

*Artikolu 14***Proċedura ta' Kunitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kunitat. Dak il-kunitat għandu jkun kunitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 15***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2011.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

J. BUZEK

Għall-Kunsill

Il-President

J. VINCENT-ROSTOWSKI

ANNEX

ALLOKAZZJONI ĠENERALI TA' FONDI GĦAL OQSMA TA' NFIQ ELENKATI FL-ARTIKOLU 2 ⁽¹⁾

Għanijiet Ġenerali (Artikolu 2)	
(a) Żvilupp u implimentazzjoni tal-governanza integrata tal-affarijiet marittimi u kostali u viżibbiltà tal-IMP	mill-inqas 4 %
(b) Żvilupp ta' għodod transettorjali	mill-inqas 60 %
(c) Protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u l-użu sostenibbli tar-riżorsi kostali u tal-baħar	mill-inqas 8 %
(d) Żvilupp u implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-baċini tal-baħar	mill-inqas 8 %
(e) Kooperazzjoni esterna u koordinazzjoni tad-dimensjoni internazzjonali tal-IMP	mhux iktar minn 1 %
(f) Tkabbir ekonomiku sostenibbli, impjiegi, innovazzjoni u teknoloġiji ġodda	mill-inqas 4 %

⁽¹⁾ Mhux aktar minn terz tal-parti mhux allokata f'dan l-Anness għandu jintuża għall-għan stipulat fl-Artikolu 2 (b) (għodod transettorjali).

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma jeskludux l-possibbiltà li jipprevedu għal atti ddelegati fil-programmi futuri lil hinn mill-2013 abbażi ta' proposti rilevanti tal-Kummissjoni.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-PARLAMENT EWROPEW, IL-KUNSILL U L-KUMISSJONI

Skont l-Artikolu X, il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm biex jappoġġja l-iżvilupp ulterjuri tal-IMP għall-2011-13 hu ta' EUR 40 miljun. Dan il-pakkett għandu jkun magħmul minn EUR 23,14 miljun meħuda mill-baġit tal-2011 mingħajr ma jintuża l-marġni disponibbli tal-Intestatura 2 tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali, ammont ta' EUR 16,66 miljun, inkluż l-allokazzjoni għal għajnuna teknika, imdahlha fl-abbozz tal-baġit u aċċettata mill-Kunsill matul il-qari minnu tal-baġit tal-2012 u ammont ulterjuri ta' EUR 200 000 għal għajnuna teknika li għandu jiddaħħal fil-baġit tal-2013.

Għal dan l-għan, ikun meħtieġ li l-baġit tal-2011 jiġi emendat biex tinholq in-nomenklatura meħtieġa u jiddaħħlu l-appropriazzjonijiet fir-riżerva. Ikun meħtieġ li l-baġits adottati għall-2012 u l-2013 jinkludu l-ammonti rilevanti għal dawk is-snin.
